# MALTA

## QORTI CIVILI
## PRIM'AWLA

## ONOR. IMHALLEF
## SILVIO MELI

**LL.D.; Dip. Stud. Rel.; Dip. Can. Matr. Jur. & Proc.;**
**Cert. Jur. & H.R. (Strasbourg);**
**P.G. Dip. European Competition Law (King's College, London),**
**P.G. Dip. European Law (King's College, London).**

**Illum l-20 ta' Lulju, 2017.**

**Fl-Atti tal-Mandat ta' Sekwestru**
**Rikors Numru 618/17**
**fl-ismijiet:**

**Av. Rachel Tua (K.I. 134382 M)**
**bhala mandatarju specjali ta'**
**Chadborn Holdings Limited, socjeta`**
**estera bin-numru ta' registrazzjoni**
**109010**

**vs.**

**Tipico Co. Ltd. (C – 34286)**

Il-Qorti,

1.0. Regghet rat ir-rikors bl-urgenza tas-socjeta` *Tipico Co. Ltd.* datat it-12 ta' Mejju, 2017, li permezz tieghu sintetikament esponiet is-segwenti, (ara foll 1):

1.1. Illi l-istess gie intavolat *ai termini* tal-artikli 836 u 838A tal-Kap 12 tal-Ligijiet ta' Malta;

1.2. Illi fis-27 t'April, 2017, is-socjeta` estera *Chadborn Holdings Limited* talbet u ottjeniet il-mandat ta' sekwestru fuq indikat fl-import ta' €2,460,000.00;

1.3. Illi tali mandat kawtelatorju hu frivolu u vessatorju, nieqes minn kull rekwizit tal-ligi;

1.4. Illi s-socjeta` li talbet u otteniet l-imsemmi mandat lanqas biss ghandha ragunijiet ghall-hrug tal-istess sal-grad tal-*prima facie* rikjest mill-ligi;

1.5. Illi l-istess mandat hu bbazat fuq kwantita` ta' dokumenti irrilevanti, approssimattivi u irrizorji;

1.6. Illi bhala *"market leader"* is-socjeta` hawn rikorrenti, barra li ghandha fatturat kospikwu, ghandha wkoll likwidita` tali li jaghmlu l-hrug tal-mandat *de quo* kompletament superfluwu;

1.7. Illi r-rimedju offrut mill-artiklu 836(8) tal-Kap 12 fuq riferit hu l-uniku rimedju li jista' jwaqqaf l-uzu sproporzjonat, frivolu u vessatorju tal-azzjoni mehuda fil-konfront tas-socjeta` hawn rikorrenti;

1.8. Illi in vista tal-premess aderiet din il-qorti biex din:

1.8.1. Tappunta l-istess rikors promotur b'urgenza;

1.8.2. Tirrevoka l-mandat in dizamina *ai termini* tal-artiklu 836(1) (d) u/jew (f) tal-Kap 12 tal-Ligijiet ta' Malta;

1.8.3. Sussidjarjament tordna li biex jinzamm fis-sehh il-mandat *de quo* is-socjeta` *Chadborn Holdings Limited* tforni garanzija bankarja kif mitlub fl-istess rikors promotur;

1.8.4. Tikkundanna lill-istess socjeta` indikata fil-paragrafu precedenti ghall-penali *ai termini* tal-artiklu 836(8) tal-istess Kap 12;

1.8.5. Issib lill-istess socjeta` hawn indikata responsabbli ghad-danni *ai termini* tal-artiklu 836 (8) (b) (c) u (d), tal-istess Kap 12 jew liema minnhom, u tillikwida *arbitrio boni viri* d-danni sofferti mis-socjeta` hawn rikorrenti;

1.8.6. Tikkundanna lill-istess socjeta` estera hawn intimata biex thallas l-ammont hekk likwidat lis-socjeta` hawn rikorrenti;

1.8.7. Bl-ispejjez ta' din il-procedura kontra l-imsemmija socjeta` estera hawn intimata;

2. Tiddikjara li l-intimata *nomine* giet debitament notifikata bir-rikors promotur u bl-avviz ghas-smigh, (ara foll 87);

3. Illi jirrizulta *nonostante* l-imsemmija notifika l-istess intimata *nomine* baqghet fi stat ta' kontumacja, (ara foll 90);

4. Rat id-digriet taghha datat it-28 ta' Gunju, 2017, li permezz tieghu wara talba appozita, awtorizzat lill-istess intimata *nomine* biex tipprezenta s-sottomissjonijiet taghha bil-miktub skont il-ligi, u dan, sat-terminu hemm indikat, (ara foll 90);

5. Semghet it-trattazzjoni orali fir-rigward tal-abbli rapprezentanti legali tas-socjeta` hawn rikorrenti, (ara foll 90);

6. Ezaminat id-dokumenti esebiti;

7.0. Rat in-nota ta' sottomissjonijiet tal-intimata *nomine* datata l-14 ta' Lulju, 2017, li permezz taghha gie sintetikament espost is-segwenti, (ara foll 130):

7.1. Illi s-somma sekwestrata hi ekwivalenti ghall-arrikkiment indebitu effettwat mis-socjeta` hawn rikorrenti fil-konfront tas-socjeta` hawn intimata;

7.2. Illi z-zewg socjetajiet in dizamina ilhom konnessi fin-negozju flimkien sa mill-2008, (ara foll 131);

7.3. Illi fl-2015 is-socjeta` hawn rikorrenti iddecidiet li tittermina l-kooperazzjoni li kienet tezisti bejn iz-zewg socjetajiet in dizamina;

7.4. Illi ghalkemm il-kuntratt esebit fl-atti tal-mandat *de quo* hu bil-Germaniz, dan hu l-istess kuntratt li kien abbozzat mill-istess socjeta` hawn rikorrenti;

7.5. Illi kemm- il darba, kif asserit, is-socjeta` hawn rikorrenti qeghda fi stat finanzjarju tajjeb, allura s-socjeta` hawn intimata ma jkollha l-ebda problema jekk l-istess mandat jibqa` fis-sehh;

7.6. Illi *di piu`,* hemm ukoll mitluba talba ghall-hrug ta' garanzija, u tal-penali;

Ikkunsidrat:

8. Illi hu pacifiku li l-uniku ezami li din il-qorti tista' taghmel fir-rigward hu biss ezami in *prima facie stante* li l-mertu veru u proprju bejn il-partijiet jigi investigat fil-kawza proprja fi stadju sussegwenti;

9. Illi ghalhekk, ghandu jkun pacifiku li t-termini tal-procedura odjerna huma effettivament verament limitati *stante* li l-analizi li hawn hu rikjest hu dak pjuttost superficjali tal-kwadru tal-procedura *de quo*;

10. Illi di piu`, jigi sottolineat li jkun x'ikun l-ezitu tal-ezami odjern *in prima facie*, dan bl-ebda mod ma jincidi fuq l-ezitu tal-procedura fuq il-meritu;

11. Illi ghalhekk, fil-kaz li tigi ikkonfermata t-talba ghall-hrug tal-kontro-mandat *de quo* f'dan l-istadju, xorta wahda jistghu jirnexxu t-talbiet fil-mertu wara li jinstemghu l-provi kollha fil-kawza vera u proprja;

12. Illi bl-istess mod, ghalkemm it-talba odjerna tigi respinta *in prima facie*, dan ma jfissirx li t-talbiet in meritu jistghu bilfors jirnexxu;

13. Illi wara kollox, ezami *in prima facie* hu biss ezami superficjali – komunement deskritt “mad-daqqa t’ghajn”;

Ikkunsidrat:

14. Illi jirrizulta li s-socjeta` hawn rikorrenti hassitha urtata bil-mandat kawtelatorju u thoss li l-istess kien procedura frivola u vessatorja *stante* li hi socjeta` finanzjarjament b’sahhitha;

15. Illi l-istess socjeta` hawn rikorrenti thoss ukoll li l-istess mandat hu addirittura wiehed malizjuz intiz biss li jistultifika l-agir tas-socjeta` *de quo*;

16. Illi ma jirrizultax li s-socjeta` estera hawn intimata ipprovat *in prima facie* li ghandha xi dritt fil-konfront tas-socjeta` hawn rikorrenti, (ara foll 3);

Ikkunsidrat:

17.0. Illi in vista tal-premess din il-qorti hi sodisfatta li s-socjeta` hawn rikorrenti ipprovat il-kaz taghha skont il-ligi, u konsegwentement:

**DECIDE:**

17.1. Takkolji t-tieni talba tas-socjeta` hawn rikorrenti, u konsegwentement tordna r-revoka tal-mandat ta’ sekwestru kawtelatorju numru 618/2017 fl-ismijiet fuq indikati;

17.2. *Stante* li mhux il-kaz li jintlaqghu t-talbiet l-ohra kontentuti fl-istess rikors promotur, tirrespingi t-tielet (3), ir-raba’ (4), u l-hames (5) talba hemm kontenuti;

17.3. Bl-ispejjez ta’ din il-procedura kontra l-intimata *nomine* fuq indikata.

17.4. Illi fir-rigward tal-ewwel (1) talba, *stante* li l-procedura odjerna hi issa terminata, tastjeni ruhha mir-rigward.

___________________________

Onor. Imhallef Silvio Meli

**DECIZJONI FINALI**